MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2013

Numru. 8/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR BERNARD CHARLES SPITERI**

**VS**

**GLENN DEBATTISTA**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Glenn Debattista, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 565359 (M).

**Akkuzat talli:**

F’dawn il-Gzejjer, nhar il-15 ta` Settembru 2010 ghal habta tad-disgha u nofs ta` filghodu (09:30hrs) u fil-

gimghat ta` Qabel, f'hinijiet differenti b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda waqt li kien qieghed gewwa **Spotless Supermarket**, li jinsab fi Triq Wied Hal Balzan, Balzan, u minn gewwa **Spotless Supermarket** li jinsab fi Triq Giorgio Preca u fil-vicinanzi:

1. Ikkommetta serq ta` diversi oggetti ghad-dannu ta` Philip Forace u terzi persuni liema serq hu ikkwalifikat bil-valur li jaqbez il-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94);
2. U aktar talli akkuzat talli ghamel delitt f'perjodu operativ ta` zewg sentenzi sospizi moghtija nhar it-12 ta` Frar 2009 u nhar is-26 ta` Marzu 2009, moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta);

3. Talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 ta` Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, billi huwa kien gie misjub hati b'sentenzi tal-Qorti ta` Malta li saru definittivi u ghaldaqstant ma jistghux jinbidlu.

**Il-Qorti:**

Rat il-provi prodotta u semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 267, 28, 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

**Ikkunsidrat:**

In ammissjoni volontarja u kkundizzjonata tal-imputat ghall-imputazzjonijiet lilu addebitati mill-Prosekuzzjoni ma jhallu ebda alternattiva ohra hlief li ssib lill-imputat hati.

Fir-rigward tal-piena wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, wara li rat il-valur tar-rifurtiva hija minima, u hawnhekk vide x-xhieda tal-istess imputat, temmen li piena karcerarja m'ghandix tigi applikata iktar u iktar meta wiehed ghandu jiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi medici ta` omm u l-*partner* tal-imputat fiz-zmien is-serqa.

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet (3) snin a tenur tal-Artikolu 7 (1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta u l-Qorti qedgha taghti din is-sentenza stante illi l-*quantum de minimis* ta` dina s-serqa, z-zmien illi ghadda minn mindu ttiehdu proceduri kriminali, u l-kaz voluminuz illi kawza ta` din in-natura zgur m'ghandiex tiggenera.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**DR. CAROL PERALTA, MA (Human Rights & Democ.), LL.D.,**
**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------